**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 9 ta' Novembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**Vs**

**Salvatore Lauron**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Salvatore Lauron ta' 60 sena, bin il-mejtin Carmelo u Stella nee' Sammut imwieled il-Pieta' nhar id-29 ta' Frar 1956, residenti gewwa 48, Fairwinds, Triq Dun Gwann Pullicino, Mosta, numru tal-karta tal-identita 260556M;

Talli fis-26 ta' Settembru 2017, gewwa l-lukanda Phoenicia, il-Mall, il-Furjana:

1) Ikkommetta serq ta' ghodda liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-mezz u bil-valur li jammonta aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jaqbizx elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Gheorhe Bogdan Giba u/jew ta' persuna jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-9 ta' Novembru 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi r-res furtiva giet ritornata kollha lid-derubati qabel ma nbdew dawn il-proceduri;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 278 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il xahar mil-lum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**